Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,202, 10 ta' Novembru, 1989
Taqsima B

A.L. 139 ta' l-1989

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti li jistabilixxu l-Kriterja għad-dħul fil-Kors għall-Grad ta' Dottorat fil-Mediċina u l-Kirurġija (M.D.) li se jibda f'Ottubru ta' l-1990

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dan l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti li jistabilixxu il-kriterja għad-dħul fil-kors għall-grad ta' Dottorat fil-Mediċina u l-Kirurġija (M.D.) li se jibda f'Ottubru ta' l-1990.

1. Id-dħul għall-kors li jmiss għall-grad ta' M.D. u li se jibda f'Ottubru ta' l-1990 ikun limitat għall-ħamsin student Malti u erba' studenti barranin.

2. Jiġu kunsidrati biss dawk l-istudenti li jikkwalifikaw għal dħul bħala studenti regolari fl-Università, skond ir-Regolamenti għad-Dħul li jkunu qegħdin iseħħu, u li jissodisfaw il-ħtiġijiet speċjali tal-kors.

3. Il-ħamsin post għal studenti Maltin jimtlew kif ġej:

(a) il-gradi f'Livell Avvanzat miksuba fi tliet suġġetti:

(i) Fiżika jew Fiżika-mal-Matematika jew Matematika,
(ii) Kimika, u
(iii) Bioloġija jew Żoloġija

jiġu kunsidrati l-ewwel.

(b) Jekk ikun hemm eżattament ħamsin applikant b'żewġ *passes* bi Grad B jew aħjar u *pass* bi Grad Ċ jew aħjar miksuba f'sessjoni waħda jew f'żewġ sessjonijiet, dawn u dawn biss jitħallew jidħlu għall-kors.

(ċ) Jekk ikun hemm iżjed minn ħamsin applikant b'żewġ *passes* bi Grad B jew aħjar u *pass* bi Grad Ċ jew aħjar miksuba f'sessjoni waħda jew f'żewġ sessjonijiet, ħamsin jitħallew jidħlu skond il-kategoriji li ġejjin, imnizzlin skond l-ordni tal-preferenza:

l-ewwel, dawk bi 3A's miksuba f'sessjoni waħda;
u wara dawk b'2A's u 1B miksuba f'sessjoni waħda;
u wara dawk b'(2A's u 1Ċ) jew (1A u 2B's) miksuba f'sessjoni waħda;
u wara dawk b'(1A, 1B u 1Ċ) jew (3B's) miksuba f'sessjoni waħda;
u wara dawk bi 3A's miksuba f'żewġ sessjonijiet;
u wara dawk b'2A's u 1B miksuba f'żewġ sessjonijiet;
u wara dawk b'(2A's u 1Ċ) jew (1A u 2B's) miksuba f'żewġ sessjonijiet;
u wara dawk b'2B's u 1Ċ miksuba f'sessjoni waħda;
u wara dawk b'(1A, 1B u 1Ċ) jew (3B's) miksuba f'żewġ sessjonijiet;
u wara dawk b'2B's u 1Ċ miksuba f'żewġ sessjonijiet.

(i) Jekk ikun hemm il-bżonn li ssir għażla bejn applikanti fl-istess kategorija, tingħata preferenza lil dawk li jkunu kisbu ċ-Ċertifikat fil-*Foundation Studies*.

(ii) Jekk dan ma jkunx biżżejjed, jiġu kunsidrati *passes* fl-Livell Avvanzat, fil-Grad Ċ jew aħjar, f'wieħed minn Filosofija, Ingliż, Matematika u *Computer Science*.

(d) Jekk ikun hemm inqas minn ħamsin applikant li jiksbu żewġ *passes* fil-Grad B jew aħjar u *pass* wieħed fil-Grad Ċ jew aħjar miksuba f'sessjoni waħda jew tnejn, dawn kollha jitħallew jidħlu u dawk li jkun għad fadal jitħallew jidħlu mill-Bord għad-Dħul wara li jiġu kunsidrati globalment il-gradi f'Livell Avvanzat miksuba fi tliet suġġetti meħtieġa, in-numru ta' sessjonijiet li fihom kienu nkisbu dawn il-Gradi, jekk ikollhomx Ċertifikat fil-*Foundation Studies*, u *passes* fl-Livell Avvanzat fil-Grad Ċ jew aħjar, f'wieħed minn Filosofija, Ingliż, Matematika u *Computer Science*.

4. L-applikanti barranin li jikkwalifikaw għal dħul fil-kors ta' M.D. jintgħażlu b'intervista.